MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 185/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Shaun Risiott**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Shaun Risiott talli naqas li jhallas il-paga kollha fl-ammont ta' erbat elef disa' mija u hamsin liri Maltin (Lm4950) dovuti lill-ex impjegat tieghu Louis Conti fit-tmiem tal-impjieg tieghu fit-18 ta' Awwissu 2004;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Gunju 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 5, 15 u 45 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Shaun Risiott

hati u kkundannatu multa ta’ erba’ mitt euro (€400) u ordnatlu jhallas is-somma ta’ erbat elef sitt mija disgha u hamsin euro (€4659) lil Louis Conti ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Shaun Risiott opprezentat fis-17 ta’ Gunju 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk din il-Qorti ssib il-htija fl-appellant ghandha tiffissa multa aktar ragjonevoli u hlas ferm anqas minn dak li ffissat il-Qorti tal-Magistrati (Malta);

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji: (1) li Louis Conti tqabbad biex jaghmel xoghol ghas-socjeta` ST Marine Services Ltd u mhux ghall-appellant personalment, ghalhekk l-imputazzjoni kif dedotta ma tistax tirrizulta; (2) li l-prosekuzzjoni ma gabitx provi sal-grad li trid il-ligi biex issostni l-imputazzjoni.

Dwar l-ewwel aggravju jinghad l-ewwelnett illi l-appellant meta xehed quddiem din il-Qorti fl-ebda waqt ma indika li kienet tezisti s-socjeta` kummercjali ST Marine Services Ltd. Inoltre d-difensur ta’ l-appellant qal li mhux kumpanija kellu l-appellant imma li dak kien *trade name*. Barra minn hekk waqt ix-xiehda tieghu l-appellant sostna illi <u>hu</u> baqaghlu jhallas lil Louis Conti s-somma ta’ seba’ mitt liri Maltin (Lm700). Konsegwentement l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

It-tieni aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Quddiem din il-Qorti xehdu biss Ivan Spiteri ghad-Dipartiment tar-relazzjonijiet Industrijali u ta’ l-Impjiegi, u l-appellant, peress illi kull tentattiv biex jigi notifikat Louis Conti falla. Skond P.C. 1539 Michael Farrugia, meta mar

jipprova jinnotifikah ghas-seduta tal-25 ta' Novembru 2009, mart Conti qaltlu li zewgha Louis mahrub minn Malta.[1]

Issa, mill-provi, anke dawk dokumentarji, jirrizulta illi l-appellant kien qabbad lil Louis Conti fuq bicca xoghol fil-Libja. Il-kontestazzjoni hi dwar is-somma miftehma bejniethom. Mis-sentenza appellata jirrizulta li quddiem l-ewwel Qorti, nonostante dak li huwa jidher li rrefera lir-rapprezentant tad-Dipartiment imsemmi, "ma kienx car kemm fil-fatt kellu dovut lilu". Difatti l-ewwel Qorti ghaddiet biex tiddetermina somma *arbitrio boni viri*. L-appellant baqa' dejjem isostni li kull ma baqaghlu jhallas lil Conti hija s-somma ta' Lm700 – stqarr hekk quddiem l-ewwel Qorti u stqarr hekk quddiem din il-Qorti. Irid jinghad pero` illi lanqas l-appellant ma kien ghal kollox konsistenti. Fl-ittra tat-28 ta' Frar 2005 minghand l-avukat tieghu lid-Dipartment imsemmi, indika li kien qabbad lil Conti bir-rata ta' Lm40 kuljum. Meta xehed quddiem din il-Qorti ndika bejn Lm30 u Lm35 kuljum. Fl-ittra msemmija qal li Conti kien diga` thallas Lm1000 u ghalhekk kien ghad baqaghlu x'jithalas Lm720, filwaqt illi meta xehed quddiem din il-Qorti qal li kien thallas xi Lm1300. Dak li huwa interessanti pero` hu li fil-mori ta' l-appell, l-appellant ircieva ittra minghand l-avukat ta' Conti fejn, minghajr pregudizzju, gie nfurmat li kien lest jaccetta s-somma ta' €2330 ghas-saldu.

Din il-Qorti hi tal-fehma li, f'dan l-istat ta' provi, ma jidhrilhiex li tista' tikkonkludi mod iehor hlief li tiddetermina l-ammont dovut mill-appellant lil Louis Conti permezz ta' dawn il-proceduri fis-somma ta' Lm720, ossia €1677.15

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal multa ta' €400 u ordnat li jhallas lil Louis Conti s-somma ta' €4,659, u minflok tikkundannah ghall-hlas tal-multa minima ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin

[1] Ara verbal ta' l-10 ta' Gunju 2009 u riferti a fol. 65

centezmu (€232.94), u tordna li jhallas lil Louis Conti s-somma ta’ elf sitt mija sebgha u sebghin euro u hmistax-il centezmu (€1677.15), u dan minghajr pregudizzju ghad-dritt ta’ Louis Conti li, skond il-proviso ta’ l-artikolu 45(2) tal-Kap. 452, jigbor b’xi mezzi ohra kull ammont iehor li hu jkollu jiehu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------